VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,085, 9 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 369 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u L-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għal Kors;

"is-Certificate" tfisser is-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li jkollhom dawn li ġejjin:

(a) kwalifika fin-Nursing meqjusa xierqa mill-Bord tal-Istudji u rikonoxxuta mill-anqas fil-Livell 5 fuq il-Qafas Malti tal-Kwalifiki u l-Qasam Ewropew tal-Kwalifiki; jew

(b) kwalifika professjonali meqjusa mis-Senat bħala komparabbli għall-kwalifika msemmija fis-sottoparagrafu (a).

4. Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jitħallew jid]lu fil-Kors skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord, jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5. L-applikanti eliġibbli għandhom jiġu aċċettati fuq il-bażi ta' minn jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel (f'ordni skont meta jiġu sottomessi l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha) sa numru massimu ta' studenti kif approvat mis-Senat.

6. Qabel ma jirreġistraw għall-Kors, l-applikanti eliġibbli huma meħtieġa wkoll li jagħmlu test ta' saħħa medika kif mitlub mill-Bord biex jiġi aċċertat li huma tajbin għad-dmirijiet relatati mal-istudji proposti.

It-Tul tal-Kors

7. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' semestru fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

8. Il-Kors jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

9. L-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat mill-Bord tal-Istudji, li għandu jkun inkarigat li jiżgura li jiġu indirizzati lakuni fit-taħriġ li ngħata lill-istudenti fil-programmi tal-infermiera barra mill-EU/EEA u li l-istudenti jingħataw taħriġ adegwat biex jiżguraw konformità mad-direttiva tal-UE dwar l-Infermieri (Direttiva 2005/36/EC) u b'hekk, huma jkunu eliġibbli għar-reġistrazzjoni mal-Kunsill/i regolatorju/i rilevanti.

Ir-Riżultat tal-Għotja

10. (1) Iċ-Ċertifikat għandu jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha kif indikat fl-ordinament 8.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.